**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**
**DEĊIŻJONI NUMRU 2763**
Chairperson: Dr. Charmaine Cristiano Grech

**Kaz Nru: 3377/CCG**
**Fil-Kwistjoni tax-Xogħol**
**bejn**
**Steven Paton (57818A)**
**u**
**Sarto Limited**
**VF Group Limited**

Dwar: Tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta

Illum 29 ta' Settembru 2021

**Preliminari**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali, permezz ta' rikors dwar allegat tkeċċija inġusta. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-kaz jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

Ir-rikorrent ippreżenta dikjarazzjoni fejn qal li huwa ġie mkeċċi mingħajr raġuni valida u suffiċjenti skont il-liġi u għaldaqstant it-tkeċċija kienet waħda inġusta. Huwa ġie mkeċċi mix-xogħol fl-1 ta' April 2015 meta ġie mgħajjat ħabta u sabta għal laqgħa fejn ġie infurmat għall-ewwel darba mill-prinċipal Vincent Farrugia li skont hu r-rikorrent kien seraq eluf kbar ta' ewro jew stokk mill-kumpannija u għaldaqstant kien qed ikeċċih mix-xogħol. Ir-rikorrent ma kienx infurmat bin-natura tal-laqgħa tal-1 t'April 2015 u/jew bl-allegazzjonijiet li kienu qed isirulu u minkejja dan, xorta irrispinġa l-allegazzjonijet li saru fil-konfront tiegħu. Apparti li l-prinċipal naqas milli juri xi forma ta' evidenza li tipprova l-allegazzjonijet li saru imma għamilha ċara li huwa kien deċiż li jkeċċi lir-rikorrent mill-bidu tal-laqgħa. Ir-rikorrent jikkontesta t-temm tal-impjieg u jikkontendi li din kienet tkeċċija inġusta li ma saritx għal raġuni tajba u biżżejjed ai termini tal-liġi u ma saritx skont il-kriterji meħtieġa ta' *fair process* u dan għaliex ma ingħatax l-opportunita li jkun jaf x'kienu l-allegazzjonijiet u/jew jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu fi proċess trasparenti tant illi l-prinċipal iddeċieda li jittermina l-impjieg qabel ma biss kien kellmu. Ir-rikorrent saħaq illi huwa dejjem qeda dmirijietu bl-akbar responsabbilta, kien leali lejn il-prinċipal u kellu prestazzjoni tajba tant illi f'Settembru 2014 huwa ingħata promotion għal Assistant Manager. F'Mejju 2015 huwa ġie mgħajjat l-għassa tal-pulizija f'San Ġwann sabiex jagħmel dikjarazzjoni għaliex is-soċjeta Sarto Limited għamlet xi forma ta' kwerela li r-rikorrent m'għandux kopja tagħha fejn din akkużatu li kien seraq, u fejn saret referenza għal xi CCTV footage fejn huwa allegatament jidher jieħu xi flus mill-cash register u jżommhom għalih. Ir-rikorrent jiċħad dan u jisħaq li qatt ma ingħata ċ-ċans jara l-footage la qabel ma tkeċċa u lanqas sal-ġurnata li ġiet intavolata din il-kawża. Huwa jiċħad ukoll l-allegazzjoni tas-soċjeta li huwa żamm xi foreign cash. Ir-rikorrent iċċara ukoll li t-tkeċċija tiegħu ġiet ikkonfermata bil-miktub biss permezz ta' ittra li ġiet notifikata lilu fit-18 t'April 2015.

Huwa żied li għalkemm kien ilu impjegat għal erbgħa snin huwa ma kellux kuntratt jew dokument bil-kundizzjonijiet tal-impjieg. Permezz ta' ittra legali risponsiva is-soċjeta VF Group Limited iddikjarat li mhiiex il-leġittimu kuntradittur u wieħed għandu għalfejn jifhem li Sarto Limited ikkonfermat li hija l-prinċipal u għaldaqstant il-leġittima kontradittriċi. Is-soċjeta ukoll ikkawżat danni reali lir-rikorrenti u apparti dan huwa ma setax igawdi minn benefiċċji soċjali għaliex ġie ddikjarat li huwa tkeċċa. Ir-rikorrenti saħaq li s-soċjeta naqset milli tħallas commission kif ukoll pagament dovut lilu wara li kien ingħata l-promozzjoni u saħansitra kien ilu mill-2013 ma jitħallasx tal-overtime li ħadem skont il-liġi u huwa ressaq ilment formali mad-DIER. Ir-rikorrent talab lit-Tribunal sabiex jogħġbu jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet tkeċċija inġusta u mhux għal raġuni valida u biżżejjed skont il-liġi, li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet ukoll bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent stante li ma ingħatax fair process; jgħaddi jagħti kull ordni u/jew rimedju li jidhirlu meħtieġ biex jirrimedja l-ksur taħt dawk il-provvedimenti li jidhru xierqa; jillikwida l-kumpens pagabbli lir-rikorrent u jikkundanna lill-prinċipal iħallas lir-rikorrent il-kumpens u kull ammont hekk likwidat; jordna lill-prinċipal jibgħat Formola tat-Terminazzjoni tal-ETC ġdida u dan sabiex l-employment history tar-rikorrent tkun waħda li tirrifletti l-verita.

Fir-risposta tagħha s-soċjeta VF Group Limited iddikjarat li ma hijiex leġittima kontradittriċi tar-rikorrent peress illi hija m'għandha u qatt ma kellha l-ebda rapport ta' impjieg miegħu. Is-soċjeta Sarto Limited iddikjarat illi hija kellha raġunijiet tajba u biżżejjed sabiex ittemm l-impjieg tar-rikorrent hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ. Fil-qosor, ir-rikorrent fil-kors tal-impjieg tiegħu bħala deputy store manager fil-ħanut Sarto almenu f'żewġ okkażjonijiet li seħħew f'jumejn konsekuttivi, biegħ merkanzija u aċċetta pagament minn klijienti f'munita estera, ossia dollari u British Pound. Minflok ma huwa għalaq it-transazzjonijiet relattivi u ddepożita l-flus riċevuti fil-kont bankarju tal-esponenti kif kellu struzzjonijiet jagħmel, huwa ħa l-flus f'exchange bureau u biddel l-istess għal euro. Fil-kors tat-transazzjoni irriżulta li kien hemm surplus ta' flus minħabba r-rata ta' kambju. Fiż-żewġ okkażżjonijiet ir-rikorrent żamm is-surplus għalih u ħeba l-istess flus f'tentattiv li joħodhom hu. Fil-kors ta' waħda mit-transazzjonijet ir-rikorrent biegħ ċintorin għall-prezz ta' 85 euro (flimkien ta' erbatax-il oġġett ieħor) iżda hu naqas li jinkludi dan fir-riċevuta fiskali mogħtija lill-klijent u dan għad-detriment tas-soċjeta Sarto Limited. Għaldaqstant, is-soċjeta ddikjarat illi t-talbiet tar-rikorrent Steve Paton għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kollha kontrih.

**Sinteżi tax-Xhieda**

Ir-rikorrent xehed li beda l-impjieg tiegħu bħala salesperson u wara ftit żmien ħa promozzjoni għal Assistant Manager. Mistoqsi dwar x'kienet il-proċedura meta klijent kien iħallas b'munita estera, ir-rikorrent wieġeb li oriġinarjament ma kien hemm l-ebda proċedura, kienu qalulhom li ma jistgħux jaċċettaw flus esteri, imbagħad kienu qalulhom li jistgħu u jmorru jbiddluhom f'euro fl-exchange bureau li kien hemm ħdejn il-ħanut imbagħad biż-żmien kienu qalulhom li ser idaħħlu proċedura pero din qatt ma ġiet finalizzata. Mistoqsi x'kien l-inċident relatat max-xiri ta' xi oġġetti minn klijenti barranin li wassal għat-terminazzjoni tiegħu, x-xhud qal *"I'd like to say that that's not the why I was told I was dismissed. There's other cases come around after I was dismissed but I was told that was not the reason of that customer in changing money exchange."*

Fis-27 ta' Marzu 2014 filgħaxija marru grupp ta' klijenti li kienu Libjani li għexu l-Italja għal diversi sninu dawn ħallsu b'US dollars u euro. Ix-xhud qal li żamm il-US dollars fis-sistema għaliex it-transazzjoni ma kinitx finalizzata. Il-klijenti kienu xtraw oġġetti għall-valur ta' madwar sebat elef ewro u riedu jħallsu b'karta ta' kreditu pero din ġiet 'declined' għal diversi drabi. Ippruvajna nikkuntattjaw lill-Bank imma għalxejn. Imbagħad staqsewh jistgħux iħallu depożitu għaliex kienu lebsin xi ħwejjeġ li kienu ser jixtru u riedu jibqgħu bihom. huma ħallew xi tlett elef ewro bħala depożitu. Il-prezzjiet fil-ħanut kienu mmarkati f'ewro u huma ħallsu b'US dollars u ewro. Ix-xhud qal li huwa poġġa l-US dollars f'envelopp bl-irċevuta tas-suspended transaction skont il-proċedura fit-till imbagħad dawn tpoġġew fis-safe filgħaxija mal-bqija tal-flus u l-għada filgħodu reġgħu tpoġġew fit-till. Il-klijent kien infurmah illi filgħodu kien ser jerġa' jmur għaliex kellu titjira imma dan qatt ma ġie lura. Kif sar wara nofsinhar ix-xhud kellu jiproċessa l-flus. Qabel ma ġara dan kollu x-xhud qal li kien ressaq ilment mal-kumpannija għaliex is-sistema ta' kambju li kellhom fis-sistema kienet ħażina, fis-sens li din kien kienet ogħla mir-rata ta' kambju uffiċjali, u huwa kien talab li din tibidel. Huwa kien għamel dan l-ilment mal-IT department permezz ta' telefonata. Ix-xhud qal li huwa kien mar ibiddel il-flus fl-exchange bureau ta' ħdejn il-ħanut bit-tama li l-kollegi tal-klijent ser jiġu lura għall-affarijiet. Huwa qal li l-ammont kien bejn wieħed u ieħor elf u seba' mitt ewro liema ammont huwa poġġa fit-till. It-transazzjoni ma kinitx magħluqa għaliex kien għadu qed jistenna lill-klijent jiġi lura. Huwa ssepara dak li kien żejjed, u ċjoe dak li kien dovut għall-affarijiet mixtrija u dak li kien żejjed skont ir-rata ta' skambju tal-exchange bureau. Dak li kien żejjed huwa żammu fl-istore tal-uniformi tiegħu. Mistoqsi għalfejn żamm dawn il-flus fil-locker tiegħu u mhux fit-till jew fis-safe, ix-xhud qal li għamel dan għaliex ma kienx jafda lil impjegat li kien dieħel warajh. Dan kien Conrad Buttigieg. Ix-xhud qal lil impjegat ieħor, lil Claudio Zarb, li jekk il-kljient jiġi għal flus dawn kienu fil-locker tiegħu u għandu jtihom dirett lil klijent u mhux lil Conrad Buttigieg għaliex dan kien jgħid li dawn il-flus kienu tal-kumpannija u mhux tal-klijenti. Mistoqsi x'ġara wara x-xhud qal li ma jafx għaliex ġie eskortat mill-bini u mitlub sabiex ma jerġax imur hemm. Mistoqsi jekk marx ibiddel flus għand Coppini qabel ix-xhud qal li l-istaff kollu għamel dan. Meta ġrat sitwazzjoni simili fil-passat il-klijent kien ikun fil-ħanut allura kienu tawh id-differenza. Mistoqsi jekk jiftakarx li kien hemm diskrepanza bejn l-irċevuta mogħtija lill-klijent u n-numru ta' oġġetti li inħarġu mill-ħanut ix-xhud qal li ġie infurmat b'dan wara u li kienu qalulu li kien hemm ċintorin li kien jiswa xi 72 jew 76 ewro. Hu ma jafx min mill-istaff kien ta dan iċ-ċintorin lill-klijienti għaliex huma kienu tlett impjegati jaqdu lill-erba' klijenti u jista' jkun li dan kien Michael Calleja jew Conrad Buttigieg.

Vincent Farrugia, is-sid ta' Sarto Limited xehed li Sarto jbiegħu prodotti 'high end'. Huwa spjega li *"kull darba li bdejna nagħmlu stock take bdejna nsibu mankanza kbira ta' affarijiet. L-aħħar stock take sibna xi sixty-two thousand worth of good neqsin."* Meta ġara dan kien ġabar lill-impjegati u qalilhom li kien qed jissuspetta serq mill-istaff. Ftit xhur wara dan kien ċempillu Conrad Buttigieg u qallu li kien qbad lir-rikorrent jisraq. Conrad kien bagħat lir-rikorrent id-dar imbagħad ix-xhud kien bagħat għalih u kellmu fil-preżenza tal-PA, Bernice. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien qallu li veru kien hemm ċintorin u ma ppanċjahx. Fil-frattemp kienu ukoll sabu xi flus moħbijin, għall-ammont ta' xi sebgħin ewro moħbijin b'cupboard fejn ibiddlu l-impjegati. Apparti minn hekk Paton kien ukoll imur ibiddel flus barranin fl-exchange bureau u dan bi ksur tal-proċedura tal-ħanut. "*Kien iġib irċevuta Steve Paton for Hugo Boss. Kien isarraf il-flus u jieħu d-differenza. Iġifieri dan mhux suppost kien jagħmel hekk. Il-proċeduri tal-ħanut għandu bil-*

*miktub hija li any foreign money għandhom jidħol fil-computer, itih ir-rata ta' dak il-jum, għandna aċċess u jpoġġiehom il-Bank."* Mistoqsi jagħti spjegazzjoni dwar il-flus li kienu sabu fil-cupboard Steve ma kien tahom l-ebda spjegazzjoni. Ix-xhud spjega li kien hemm CCTV *"fejn rajna r-receipt jerġa jdaħħalha fil-but flok jitfagħha hemm."* Ix-xhud qal li anke talbuh iċ-ċavetta tal-ħanut. Ix-xhud ta spjega tas-suspended receipt u qal li suppost meta ingħata l-flus dik is-supsended receipt kellha tinqaleb f'normal receipt. Ix-xhud qal li meta jimpjegaw lil xi ħadd jagħtuhom din il-proċedura ta' wieħed x'għandu jagħmel meta jiġi klijent bi flus barranin. Wara li tkeċċa Paton l-ammonti neqsin mill-istock naqsu ħafna. In kontro eżami x-xhud qal li meta għajjat lil Paton għal meeting huwa kien spjegalu l-meeting fuqiex kien imma ma qallux li seta' jġib lil xi ħadd miegħu biex jassistih u fil-fatt mar għall-meeting waħdu. Ix-xhud kien qal lir-rikorrent 'we will get back to you' u kellmuh bil-telefon. Kellhom laqgħa oħra mar-rikorrent il-Furjana. Mistoqsi jekk urewh is-CCTV ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Il-bejgħ taċ-ċintorin kien parti mill-bejgħ ta' sitt elef ewro u Steve Paton ma kienx waħdu meta kien sar dan il-bejgħ. Mistoqsi jekk ix-xhud kelliemx lill-impjegati l-oħra huwa qal li Conrad Buttigieg kellimhom pero huwa ma kienx preżenti. Huwa qal li kien ċempel lil Steve hu għaliex kellu evidenza f'idu, *"ammetta li ma ppanċjax iċ-ċintorin, li sibt flus imwarrbin, li m'għamilx VAT meta suppost għandu jagħmel, li kien qed imur isarraf foreign money li huma tal-kumpanija barra-...Jiġifieri kelli mhux waħda. Kien hemm sensiela t'affarijiet. Inqalgħet din li kien ikun fis-sakra u jidħol hemm ukoll..."* Ix-xhud qal li lill-kollegi ta' Steve li kienu fil-ħanut dakinhar ma kellimhomx pero kellimhom il-manager. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien iffirma karta fejn ammetta li ma ppanċjax iċ-ċintorin.

Conrad Buttigieg kien jaħdem ma' Sarto Limited bħala Brand Manager. Mistoqsi jgħid x'kien ġara fl-inċident li wassal għat-terminazzjoni tal-impjieg ta' Paton, ix-xhud qal li dakinhar kien hemm numru kbir mhux ħażin ta' klijenti. Dawn ippruvaw iħallsu bil-credit card pero din m'għaddietx. Klijent minnhom libes xi affarijet u dawn ħallas għalihom b'US dollars iżda dawn ma kinux 'recorded' fuq iz-Z reading dakinhar. Fl-aħħar tal-ġurnata huma kienu jagħlqu t-transazzjonijiet kollha skont il-proċedura tal-business. L-għada kien hemm klijent li kien ħallas bl-isterlini t-transazzjoni ġiet irrekorjata f'ewro. Paton mar ibiddel dawn il-flus barranin mill-Forex bureau ta' ħdejn il-ħanut u żamm id-differenza għalih. Ix-xhud qal li kien talab kopja tal-irċevuta tal-Forex bureau u dan ma tahielux. Hu kien rah ipoġġi dawn fil-kexxun tal-cash desk u x-xhud kien qallu biex ipoġġihom fil-cash till għaliex dawn kienu ta' bejgħ ta' stokk tal-kumpannija. Paton *"did not react in a very positive manner to the situation."* u qatta l-irċevuti. Paton qal *"it isnt' the company's money".* Ix-xhud spjega x'kienet il-proċedura meta klijent iħallas b'munita estera u kkonferma li s-sistema tal-ħanut għandha sistema ta' conversion. Impjegat għandu jieħu l-flus esteri u jpoġġihom fil-cash till u dawn jiġu depożitati flimkien mal-flus l-oħrajn. Ix-xhud ma ftakarx dwar il-kwistjoni taċ-ċintorin pero ftakar li kienu instabu xi flus fil-cupboard tal-impjegati. Dakinhar tal-kwistjoni huwa kien preżenti flimkien mar-rikorrent u Michael Calleja. Huwa ma kienx involut fil-flus għaliex ma kienx dak l-irwol tiegħu. Mistoqsi jekk kienx jaf jekk impjegati oħra kinux imorru jbiddlu flus fl-exchange bureau x-xhud qal li qatt ma ra lil ħadd pero huwa kien ikun f'postijiet differenti. Il-flus fil-cupboard mhux hu kien sabhom imma Claudio Zarb imbagħad huwa kien kellem lil HR Manager, Bernice Agius, li kienet għamlet dokument b'kif ġraw l-affarijiet.

Bernice Debattista kienet l-HR Manager tal-VF Group of Companies u Sarto Limited. Hija spjegat iċ-ċirkostanzi li kienu wasslu għat-tkeċċija ta' Paton. Spjegat ukoll li l-istruzzjonijiet tal-

kumpannija kienu li meta klijent iħallas b'munita estera, l-impjegati għandhom jużaw il-POS għal foreign exchange. F'dan il-każ Paton kien mar isarraf fil-Foreign Exchange office ta' ħdejn il-ħanut u poġġa dawn ġo borża flimkien mal-irċevuta u dawn ma kinux fit-till. Hija kienet irċiviet telfonata mingħand Conrad Buttigieg u kien hemm Shop Manager, Karl, u dawn spjegawlha x'kien ġara. Hija kienet ċemplet lil Vince Farrugia. Hija qalet li ġiet infurmata li Paton ma kienx ta irċevuta fiskali lill-klijenti u dan bi ksur tal-liġi. Wara li hija, flimkien ma' Vince Farrugia, semgħet lil Conrad u Karl, huwa bagħtu għal Steve u kellmuh fil-ħanut Sarto u mhux fil-ħanut Hugo Boss. Għamlu hekk sabiex ikollhom privatezza. Is-Sur Farrugia spjegalu x'kien ġara u Paton insista li huwa ma għamel xejn ħażin għaliex ma kienx hemm affarijiet nieqsa. Mistoqsi dwar il-kwistjoni tat-tibdil ta' flus fl-exchange bureau Paton m'ammettiex li żammhom hu. Imbagħad is-Sur Farrugia kien qallu li hemm bżonn aktar investigazzjoni u talbu ċ-ċwievet u għalissa ser jiġi sospiż. Imbagħad għamlu rapport mal-pulizija u tawhom il-footage u kull ma kien hemm bżonn. Fejn jidħol l-impjieg huma ikkunsidraw li kien hemm tlett istanzi ta' gross misconduct u ċjoe li ma tax irċevuta, ir-rata ta' skambju u li żamm id-differenza fil-flus u ċ-ċintorin nieqes. Wara kien ammetta mas-Sur Farrugia li kien hemm xi ċintorin nieqes. Dan iċ-ċintorin kien jiswa xi 75 jew 85 ewro u l-ammont ta' flus li kienu instabu moħbijin kienu ta' xi 65 jew 70 ewro. Ix-xhud qalet li d-dokument bid-dettalji tal-akkadut kien ippreparah Conrad Buttigieg bl-għajnuna tagħha. Ix-xhud qalet li r-rikorrent kellu twissijiet bil-miktub fil-passat u skont il-kuntratt tiegħu fejn ikun hemm gross misconduct impjegat jista' jiġi tterminat.

Ray Coppini, Managing Partner W&J Coppini, ippreżenta lista ta' transactions li huma biegħu lil Mr. Paton u li huma xtraw mingħand l-istess, liema lista għall-finijiet ta' din il-kwistjoni, ġiet limitata għal transazzjoni waħda tas-27 ta' Marzu 2015. Dakinhar huma kienu xtraw mingħand Steve Paton care of Hugo Boss St. Julians US 2300 li jagħmlu Euro 2043.17.

Is-soċjeta ippreżentat kopja tas-sentenza fl-ismijiet The Police vs. Steven Glenn Paton deċiża fil-15 ta' Marzu 2017.

Ir-rikorrent ta xhieda fejn spjega fid-dettal l-inċident li wassal għat-tkeċċija tiegħu. Ikkonferma dak li kien intqal qabel u spjega x'kien wasslu sabiex imur isarraf il-flus fl-exchange bureau *"From then after i exchanged the money I went back into the shop – cause this is something that we'd done over time cause originally we didn't have an exchange system so we were told we can take foreign currency but then they advised us we could go next door so we didn't lose the sale for the company. So that's where that came from. So...it was approximately three o'clock in the afternoon, Conrad came down from the office and found the exchange slips in the till..which obviously I put with the money in a safe place. Now he asks me why this was here, I advised him that this was from the previous evening which he was part of, and that we were waiting fro the client to come back as he had instructed us. He says well the money that you have in the till which you've exchanged is the company's money. I said the moment it was exchanged it's here for the amount of the value of the garments in euros and there is an extra I think it was twenty-seven euro approximately. I said that this is the client's change shuld he come back. If he doesnt come back his two colleagues weren't leaving the country they said so that is there for them. He said no that is the company's money, where then we argued and said no that's the client's money, and this went on and ended up becoming a quite full blown argument."* Hemmhekk Conrad kien qallu

jmur id-dar u minħabba li kien liebes l-uniformi huwa ħa l-flus tal-klijient flimkien mal-uniformi tiegħu u poġġihom ħdejn ta' Claudio Zarb għax kien jafdah li ser jagħtihom lill-klijent filwaqt li Conrad kien qiegħed jiproċesshom mis-sistema. Aktar tard ikkuntattjawh Mr. Farrugia u Bernice Agius, l-HR Manager sabiex imur jispjegalhom x'ġara u biex jirritorna ċ-ċwievet. Hemmhekk talbuh ukoll jikteb l-affarijiet kollha li kien biegħ il-ġurnata ta' qabel. Ir-rikorrent qal li minħabba li kienu tlett impjegati kien diffiċli biex jiftakar imma kien ser jipprova. U kien hemm li s-Sur Farrugia qallu hemm ċintorin nieqes u s-Sur Farrugia qallu tinkwetax il-flus li nstabu fil-ħanut kienu flus tal-klijent u dawn ser jagħmlu tajjeb għal dan iċ-ċintorin. Imbagħad kienu bagħtu għalih fl-uffiċċju l-Furjana fejn infurmawh li qed jitkeċċa *"I was advised specifically that you're being dismissed on the basis of the theft of the money that I exchanged which I never left the shop with, the theft of the belt which I didn't even know it was missing which I never took of course, and also I was then told that I was responsible for the stock....I had no representation, I was only told I need to turn up at the office for a meeting, I turned up and there was I believe six of them waiting for me and I was pretty much finished within thirty minutes and told to leave or we go to the police station together, we will press criminal charge or you admit to all these thefts, which I then stated we should go to Floriana Police Station because there is no way I am being tarnished with this brush, as I actually said word for word...."* Ix-xhud qal li hu u Conrad ma tantx kienu jaqblu u ġieli kien hemm diżgwid bejniethom. Ix-xhud ta dettalji tal-introjtu tiegħu mas-soċjeta intimata u spjega li dam daqsxejn ma sab xogħol imbagħad sab xogħol ma' ex klijent ta' Hugo Boss pero l-paga kienet ħafna inqas sakemm biddel ix-xogħol u mar jaħdem fis-settur tal-gaming. Ir-rikorrent ippreżenta dvd bis-CCTV kif ukoll statements li saru fil-każ kriminal kontrih. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu id-dvd *"...it's selective. I don't believe it contains the whole...that actually transpired on that day, as in there was mention of persons saying that weren't there in the store when the cctv proved that they were, and the conversation that took place at the time when they're suggesting that they were not aware of the situation."* Mistoqsi speċifikiment għal xiex kien qed jirreferi r-rikorrent qal li fis-CCTV footage Conrad Buttigieg jidher qed jaqdi klijenti meta huwa xehed li hu ma jkunx fil-ħanut regolarment u li ma jinvolvix ruħu direttament f'bejgħ. Apparti minn hekk *"....he was present when I mentioned to the specific client..for the exchange rate next door, at Coppini, that it was better for the client to go through or we can go through on his behalf. Conrad was present. Even on the dvd shows that I showed where I was going and he nodded his head in acceptance, when originally he was saying that he wasn't involved."*

Claudio Zarb xehed li kien telaq minn ma' Sarto limited. Mistoqsi dwar l-inċident li kien wassal għat-tkeċċija ta' Paton, huwa qal li kien hemm meta qam argument bejn ir-rikorrent u Conrad fuq xi money exchange. Conrad kien talab l-irċevuta lil Paton *"u imbagħad qisu minn hemmhekk evolva l-argument imma jiena ma kellix idea għalxiex kienu qed jargumentaw u fuqiex."* Huwa xehed li ġieli marru jsarrfu flus fl-exchange bureau ħalli ma jintilifx bejgħ. Steve kien bagħtlu sms biex jiċċekkja xi ħaġa ġo kaxxa partikolari ġo unit. Dan il-pakkett kien fih xi flus. Dan l-sms urieh lil Conrad għaliex hu ma kellu xejn x'jaħbi. Ix-xhud qal li f'sms Paton qallu biex il-flus joħodhom minn hemm u jpoġġihom xi mkien ieħor pero hu ma deherlux li kellu jagħmel hekk għaliex hu ħass li kien qisu qed jitolbu jaħbi xi ħaġa. Fil-fehma tax-xhud Conrad lil Steve kien keċċieh mix-xogħol, u wara filgħaxija Vince Farrugia kien kellmu. Huwa ma kienx preżenti meta dan sar. Ix-xhud qal li huwa qatt ma mar isarraf il-flus fl-exchange bureau pero kien jibgħat lill-klijent. Huwa ikkonferma

li kien hemm sistema fil-POS pero din kieent fixed rate li huma ma kinux jużaw għaliex minħabba li kienet fixed rate taf tkun irħas u taf tkun ogħla.

**Sinteżi tat-Trattazzjoni**

L-avukat Massimo Vella, għas-soċjeta spjega li r-rikorrent ġie skopert li f'żewġ okkażjonijiet, bħala minimu, kien qed jaċċetta flus b'vaulta estera mingħand klijenti minkejja li hemm struzzjonijiet ċari u anki s-sistema fil-ħanut li kien jippermetti lill-impjegat li jaċċetta l-valuta estera u jesegwixxi l-bejgħ. Minflok ma għamel dan Paton mar isarraf il-flus huwa għand W & J Coppini, din il-konverżjoni irriżultat f'kambju aħjar u żamm id-differenza hu. Iżda l-prova reġina hija s-sentenza fil-kriminal li hija tal-illum Imħallef, dak iż-żmien Maġistrat Aaron Bugeja. Din is-sentenza tagħti rendikont dettaljat tal-fatti x'ġara u dak kollu li jirriżulta mis-sentenza t-Tribunal għandu jieħu bħala prova f'din il-kawża. Il-punt huwa li għalkemm Paton ġie liberat mill-akkuża ta' frodi u serq, il-Qorti qalet li dak li qed tgħidu seħħ imma ma huwiex dak li qed jiġi imputat bih imma huwa misapproprazzjoni. Peress illi r-rikorrent kien mixli għal reat taħt artikolu ma setax jinstab ħati skont l-imputazzjoni kif dedotta pero dan ma fissirx jew ma biddilx il-fatt illi dak li fattwalment ingħad illi seħħ fil-fatt seħħ. Apparti mill-kriminal, huwa bħala prinċipal kellu d-dritt jittermina l-impjieg għaliex il-fatti jew il-kondotta li wasslu għat-terminazzjoni fil-fatt seħħew.

L-avukat Paul Gonzi għar-rikorrent qal li fir-rikors promotur semma li anke l-proċedura li ressqu biha li wasslet għat-tkeċċija kienet monka, fis-sens li r-rikorrent kien għax-xogħol jaħdem normali, kien hemm argument fuq l-irċevuta tal-exchange mal-manager, u l-manager qabad u keċċieh id-dar. Ir-rikorrent tkeċċa abbażi tal-verżjoni li ta Conrad Buttigieg. Meta dan tela' jixhed ma kienx ċert ta' x'ġara eżatt u rrefera għal statement. Ix-xhieda ħadd ma qabel bejniethom dwar eżattament x'kien ġara. Dwar l-allegat serq taċ-ċintorin ma kien hemm l-ebda evidenza li dan kellu l-ħsieb li jisraq u lanqas li ħareġ biċ-ċintorin hu. Il-flus tal-exchange ma kinux f'but ir-rikorrent iżda kienu f'kexxun sabiex jagħtihom lura lill-klijent meta jiġi. Il-kumpannija argumentat li kien hemm proċedura stabbilita pero din il-proċedura qatt ma ġiet ippreżentata. Claudio Zarb ikkonferma li huma spiss kienu jmorru jsarrfu l-flus għaliex il-POS kellha rata fissa. Meta r-rikorrent mar isarraf għamel dan f'isem il-kumpannija mhux f'ismu personali. Li kieku kellu x'jaħbi kien ser jagħmel hekk? Ir-rikorrent ma ingħatax fair hearing. Saret referenza għal deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali ta' Jannar 2009 Chairperson Geoffrey Vella fejn ikkwota lil Selwyn dwar kumpannija x'għandha tagħmel f'każ serju bħal dan qabel taqbad u tkeċċi u fejn huwa ċar li jekk int l-evidenza li għandek f'idejk mhijiex ċara għandek tistenna l-esitu tal-investigazzjoni tal-pulizija u l-esitu tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li f'dan il-każ ma sabitux ħati.

In replika l-avukat Vella dwar il-proċedura qal li Conrad Buttigieg kien qal lir-rikorrent mur id-dar u ma kienx keċċieh u fil-fatt reġgħu sejħulu fil-preżenza tal-management tal-kumpannija imbagħad ittieħdet id-deċiżjoni. Jien waqqaftu mix-xogħol wara li smajtu, tajtu l-opportunita li jispjega u l-ispjega li ingħatat ma kinitx suffiċjenti u għaldaqstant ġie tterminat.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Wara li sema' x-xhieda prodotti u ra d-dokumenti prodotti mill-partijiet, it-Tribunal ra ukoll is-sentenza kriminali kontra r-rikorrent. It-Tribunal jinnota illi l-Qorti tgħid is-segwenti *"As for the belt in question, it transpires that this was truly delivered to a customer, but for some reason the accused failed to register this transaction. The Court believes that on a balance of probabilities this was a mistake on the part of the accused and therefore cannot be found guilty of theft on account of this shortcoming.*

*As for the amount of money found in shop's cupboard, the Court deems that the Prosecution proved beyond reasonable doubt that this was the accused's doing. The Court considers this strange practice to be related to an even stranger practice that the accused was proved to do. Sometimes the shop's customers paid the price of items purchased in pounds sterling or United States Dollars. The witnesses claim that according to company policy these monies had to be entered into the company computerised system that accepted both Sterling and US Dollars. However it was also proved that the accused used to call at a Foreign Exchange Bureau close by (W&J Coppini & Co.) and exchange monies tendered by way of purchase price in Pounds Sterling or Dollars in euro. He would then retain the difference between the purchase price in euros, change due and the currency tendered after depositing the price in euro equivalent in the shop's cash till.*

*....The Court considers that if in the execution of this practice the accused did in point of fact deposit the purchase price in euros established by the shop's management for each item paid and retain the difference in exchange currency in his pockets, then the accused cannot be stated to have committed the crime of theft....*

*In this case it was not proved beyond a reasonable doubt that the accused took the purchase price or part of it to the detriment of the shop owners.*

*The shop owners were entitled to their purchase price in euros, being legal tender in this jurisdiction – and on a balance of probabilities it was proved that the accused did return this amoutn to the shop owners. And strictly speaking not even the shop owners were entitled to profit from the different daily rate of exchange between euros and other currencies, which difference ought to be have been refunded to the customers, given that any excess in the exchange rate difference over and above the price in euros is deemed to remain the property of the customer, who was entitled to its refund."*

Hekk kif intqal mis-soċjeta fit-trattazzjoni tagħha: *"This Court cannot consider the retention of this difference in exchange rate as "theft" but it considers this action as being more akin to the crime of misappropriation..." il-Qorti iżda kompliet tgħid li "The accused was expected to return the difference to the paying client or at least abide by the payment instructions of the customer – to deliver the foreign currency tendered directly in the shop's till rather than misapplying the difference in exchange rate by converting it to his own benefit. Then it would have been for the*

*management of the shop to face the music if they profited unduly on the difference in exchange rate, if any customer really questioned or cared to ask in the first place."*

Ir-rikorrent saħaq illi huwa ma ingħatax smiegħ xieraq. Huwa minnu li s-soċjeta kienet obbligata li tagħmel proċedura dixxiplinarja, proċedura li fil-fehma ta' dan it-Tribunal setgħet saret b'mod aħjar, aktar professjonali u fejn ir-rikorrent kien jingħata l-opportunita li jiġi akkumpanjat minn persuna tal-fiduċja tiegħu pero t-Tribunal hawnhekk jirreferi għall- każ James Buhagiar vs. Jani Limited deċiża nhar is-26 ta' Jannar 2018 deċiż mill-Imħallef Anthony Ellul[1], fejn il-Qorti tal-Appell għamlet distinzjoni bejn *wrongful dismissal* u tkeċċija inġusta. Il-Qorti tal-Appell qalet li *"biex jigi determinat jekk it-tkeccija kinitx ingusta mhuwiex bizzejjed li jigi determinat biss jekk kienx hemm procedural fairness jew le fil-mod kif saret it-tkeccija. Il-qorti tfakkar li l- gurisdizjoni tat-Tribunal hi proprju li jiddetermina kienx hemm 'tkeccija ingusta' u mhux jekk kienx hemm breach of contract. Il-kazijiet li jisma' u jiddeciedi t-Tribunal mhumiex dwar wrongful dismissal, li jitrattaw ksur ta' kondizzjonijiet tal-kuntratt u fejn l-impjegat jista' jkollu rimedju differenti minn dak kontemplat fil-Kap. 452. Fil-fehma tal-qorti, ghal dak li jikkoncerna proceduri dwar allegat tkeccija ngusta, 'l fatt biss li l- principal ma jkunx segwa procedura ta' dixxiplina stipulata f'kuntratt ta' impieg, wahedha ma tissarrafx bilfors fi tkeccija ingusta. Ovvjament hu mistenni minn principal li jonora l-obbligi kuntrattwali tal-impieg u b'hekk jimplimenta l-procedura ta' dixxiplina stipulata fil-kuntratt qabel jiddeciedi x'ghandu jaghmel. Pero' l-kwistjoni m'ghandhiex tigi rizolta mill-ligi tal-kuntratt. Kif rajna d-definizzjoni stess ta' tkeccija ingusta li (Kap. 452) tezigi li t-Tribunal Industrijali jiddeciedi dwar l-agir tal- impjegat. Hekk biss il-qorti tifhem il-kliem li tkeccija ngusta tfisser temm ta' impieg li ma "jsirx biss minhabba redundancy jew ghal raguni xierqa".*

Il-Qorti tal-Appell kompliet telabora u qalet is-segwenti *"Sabiex jigi determinat jekk tkeccija kinitx gusta, irid jigi determinat jekk id-decizjoni tal-principal kinitx ragonevoli fiz-zmien li ha d-decizjoni ta' tkeccija. Ghalhekk nuqqas procedurali hu wiehed mill-fatturi li t-Tribunal irid iqies meta jigi biex jiddetermina jekk id- decizjoni tal-principal kinitx ragonevoli. F'dak l-istadju t-Tribunal ghandu jiddetermina per ezempju n-natura u l-gravita tal-agir tal- impjegat li jkun wassal ghat-tkeccija; l-informazzjoni li fuqha bbaza d- decizjoni; u jekk kienx hemm iktar informazzjoni li l-principal seta' akkwista wkoll permezz tal-proceduri ta' dixxiplina."* Fil-każ odjern it-Tribunal huwa tal-fehma illi anke li kieku kien hemm proċeduri dixxiplinarji ma kien ser ikun hemm l-ebda differenza fid-deċiżjoni aħħarija tas-soċjeta. It-Tribunal jirrimarka ukoll li anke l-qorti kriminali għamlet apprezzament tal-provi profond u waslet għal konklużjoni li r-rikorrent ma aġixxiex b'mod korrett fejn jidħlu l-flus li ġew skampjati.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-każ, it-Tribunal mhux qiegħed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

[1] Appell Ċivili numru:- 13/15 AE

**Drittijiet**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**(iffirmata)**

Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D.
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju